Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,782, 22 ta' Lulju, 2011
Taqsima B

A.L. 289 ta' l-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Earth Systems – B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Earth Systems – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Earth Systems;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Earth Systems – B.Sc. (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Earth Systems – B.Sc. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew fil-Livell Intermedju bi grad Ċ jew aħjar mill-anqas f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: ix-Xjenza Ambjentali, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Fiżika, il-Matematika Pura, il-Matematika Applikata (Mekkanika), il-Ġeografija u s-Soċjoloġija.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju jkun imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw u jgħaddu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 60 krettu u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha ta' kull programm ta' studju kif xieraq, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.